MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006

Numru. 445/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**V**

**RAYMOND BAJADA bin Joseph u Angolina nee' Agius, imwieled fit-tlieta ta' Settembru, 1971 u li joqghod 'Bajada', Triq l-Isqof David Cocco Palmieri, Sannat, Ghawdex detentur tal-karta tal-Identita' Nru. 425671(M)**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **RAYMOND BAJADA** bin Joseph u Angolina nee' Agius, imwieled fit-tlieta ta' Settembru, 1971 u li joqghod 'Bajada', Triq l-Isqof David Cocco Palmieri, Sannat, Ghawdex detentur tal-karta tal-Identita' Nru.

425671(M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fis-sitta (6) ta’ Awissu, 2005 ghal habta tas-saghtejn u nofs ta’ fil-ghodu (2:30a.m.) waqt li kien gewwa r-‘Rook’ nightclub li jinsab Qbajjar limiti taz-Zebbug, Ghawdex:

1. hebb ghal persuna ta’ Emanuel Buttigieg mis-Sannat, sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

2. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f’periklu car ikkaguna offiza ta’ natura hafifa bi strument li jaqta jew iniggez fuq il-persuna ta’ l-imsemmi Emanuel Buttigieg ID. 1273(G) u dan skond ma ccertifika t-tabib Doctor Coronato Grech MD tal-Isptar Generali ta’ Ghawdex;

3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi garr arma li taqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti hija mitluba biex f’kaz ta’ htija barra l-piena mitluba bil-ligi tapplika ukoll l-Art 383 tal-Kap 9.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil Mario Sciberras, Frankie Falzon, Emmauel Buttigieg, Doctor Dbino Vella Briffa u lil Doctor Coronata Grech u lil imputat jobbliga ruhu li ma kienx ser jimmolesta lil Emanuel Buttigieg.

Semghet lil Emanuel Buttigieg jghid li kien qed jirrinunzja ghal azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat.

Ikkunsidrat:

**Il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 221 u 339(d) tal-Kap 9 u l-artikolu 13(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta **tiddikjara li ma issibx lil imputat RAYMOND BAJADA hati tat-tielet [3] akkuza kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minnha u tastjeni milli tiehu konjizzjni ulterjuri tal-ewwel [1] w it-tieni [2] akkuza stante rinunzja da parti ta’ Emanuel Buttigieg fil-konfront tal-imputat odjern.**

**Stante rinunzja da parti ta' Emanuel Buttigieg, il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzz/joni maghmula ai termini tal-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------